# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar 19 ta' Frar, 2025

Avviz tat-Talba numru: 208/2024 CL

**Advanced[i] Software Solution Ltd (C104461)**

**VERSUS**

**Antain Charles Borg (KI nru: 0477897M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-30 ta' Lulju, 2024 fejn is-socjeta talbet sabiex il-konvenut jigi iddikjarat, kif ukoll ordnat, li jhallas, is-somma ta' tlett elef mitejn u erbgha u sebghin euro u hamsin centezmu (€3274.50) rapprezentanti servizzi moghti lill-konvenut skond fattura mmarkata Dok A[1], li huwa program specjalizzat normalment uzat minn periti u inginiera ghal perjodu ta' sena. Il-konvenut naqas li jwettaq il-pagament indikat minkejja li fuq diversi okkazzjonijiet kien hemm kommunikazzjoni u anke konferma mill-konvenut li tali pagament kien ser jsir, izda baqa' ma sarx. B'hekk is-socjeta attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' €3274.50 li huwa cert, likwidu u dovut.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri fl-14 ta' Mejju 2024, is-socjeta konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan, izda fis-seduta li kienet tmiss wara tali notifika, tas-17 ta' Gunju 2024, deher rapprezentant tas-socjeta attrici assistit minn avukat, fejn il-partijiet inffurmaw lit-Tribunal illi kien hemm possibilita' ta' tranzazzjoni.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2024, is-socjeta attrici talbet l-isfilz tar-risposta bil-kontro talba peress illi kienet giet ipprezentata wara t-terminu skond il-Ligi. It-Tribunal ra illi r-risposta u l-kontro talba kienu gew ipprezentata fl-14 ta'

[1] Foll 4

Ottubru 2024 filwaqt illi l-konvenut kien gie nnotifikat fis-7 ta' Awwissu 2024 u ghalhekk laqa' t-talba ghal dan l-isfilz u l-konvenut gie iddikjarat kontumaci.

Is-socjeta attrici ipprezentat  affidavit ta' Joseph Bowman li huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici li tofri software bl-isem Revit  li jintuza minn periti u inginiera u li tigi installata fuq il-kompjuter tal-klijent, ghal perjodu ta' sena bil-possibilita' ta' tigdid annwu. F'April 2023 l-konvenut kien ghamel course ghall-program Revit mas-socjeta attrici fejn hallas il-prezz ta' €550 (Dok JB1 u JB2). Kien hemm korrispondenza dwar il-program u li kien ser jiswa €2775+vat ghal kull licenzja u fil-fatt kien saqsa jekk setax jaghmel il-hlas fit-tlett pagamenti separati Dok JB3. Kif kien hemm qbiel hu kien mar u installa l-program fuq il-laptop tal-konvenut fejn tah d-dettalji tal-kont tieghu u kellu l-kontroll fuq il-program, izda minkejja li bghatlu l-fattura Dok JB4 qatt ma hallas.Fil-fatt kien uzah ghal sena shiha u ma gietx mgeddha. Hu dejjem kien jgib skuzi li ma setax jaghmel il-hlas jew ghax kien msiefer jew ghax inqalalu problema kif jidger fil-whatsapp chat Dok JB 5 u voice recording fl-istess chat Dok JB6. Gew ipprezentati ukoll kopji legali tal-ittra ufficjlai bin-numru 2966/2023 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1500/24.

Ikkunsidra;

*Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."*

*Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut,"*

It-Tribunal ra l-affidavit li giet ipprezentata flimkien mad-dokumenti annessi li jinkludi kommunikzazjoni mal-konvenut bl-email u fuq whatsapp li juru li s-servizzi kienu inghataw lil-konvenut u ma kien sar ebda hlas u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jigi emmnut.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici u ra li minkejja li l-konvenut gie notifikat b'din in-nota huwa ghazel li ma jwiegibx.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef mitejn u erbgha u sebghin euro u hamsin centezmu

(€3274.50), bl-imgħax legali mis-16 ta' Ottubru 2023[2], sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittra bin-numru 2966/23 u l-Mandat ta' Sekwestru 1500/24 huma a kariku tal-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[i] It-Tribunal jirrileva illi l-okkju tas-sentenza kif citat bhala Advances Software Solutions Ltd kellu jaqra Advanced Software Solutions Ltd u ghalhekk jordna li ssir korrezzjoni tal-ewwel kelma biex tigi taqra "Advanced Software Solutions Ltd."

---

[2] Data tal-ittra ufficjali 2966/2023